SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tlieta u erbghin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar is-Sibt 3 ta' Mejju 2014 fit-8:30 ta' filghodu fl-ufficcju tal-Kunsill.

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa | |
| Kunsilliera: | Mikelina Mercieca | |
| | Rose Vella | |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber | |
| Skuzati: | Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| | Ambaxxattrici: | Renee' Formosa |
| Assenti: | John Mercieca | |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2.0 Problemi dwar it-twahhil tal-bollards fil-pjazza**

2.1 Is-Sindku semma' li l-laqgha ssejhet b'urgenza minhabba l-problema li ser jaffacja l-Kunsill dwar it-twahhil tal-bollards. Il-kuntrattur tal-bollards mhux qed jiehu riskju biex iqatta' fil-madumu ghalhekk irid li l-madum jinqala' u jerga jitpogga minna. Il-perit Edward Scerri ssugerixxa li x-xoghol ghandu jsir mill-Kuntrattur Joe Grima peress li huwa l-kuntrattur li ghamel ix-xoghol. Meta s-sur Grima ntalaba jaghti stima tal-qlugh tal-madum u tpoggija tieghu pulit madwar il-bollar huwa talab is-somma ta' 85 ewro ghal kull bollard li fl-opinjoni tal-Kunsill u tal-Perit hija gholja hafna. Il-Perit qal li l-istima reali hija bejn 40 u 50 ewro kull bollard.

2.2 F'dan l-istadju, peress li ma fadalx zmien u peress li l-pjazza ser tinfetah ghat-traffiku u jinhtieg li jkun hemm id-direzzjonijiet indikati bil-bollards, sar qbil li ghandna nipprocedu billi nitolbu lis-Sur Grima jnaqqas l-istima bin-nofs u jekk ma jaqbilx nipprocedu billi nibghatu ghal stimi. Il-kunsill ta l-awtorita' li ghandha tintghazel l-orhos wahda u mmexxu fuqha.

## 3.0 Handyman/kennies ghal Kunsill

3.1 Is-Sindku semma' li peress li Mr Joeloui Grima ma ghadux interessat fix-xoghol ta' handyman ghandna nergghu nohorgu l-offerta. Sar qbil li din id-darba ghandha titqassam f'kull dar u tkun bir-rata ta' 6 ewro fis-sigha ghal massimu ta' ghaxar sighat xoghol fil-gimgha bhalissa.

## 4.0 Materji ohra

Saret referenza ghat-talba li ressqulna s-St. Laurence Spurs fl-okkazzjoni tar-rebh tal-kampjonat biex il-Kunsill jaghti rikonoxximent lil players. Il-Kunsill qabel li ghandu jghin fir-rikonoxximent sa mhux aktar minn 500 ewro.

Saret referenza wkoll ghat-talba li ressqu ta' Cangura Folkgroup sabiex il-Kunsill jghin fil-kofinanzjament ta' applikazzjoni li huma ressqu quddiem l-Unjoni Ewropea biex f'Ottubru 2014 jaghmlu attivita' internazzjonali. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jghinhom sa massimu ta' 500 ewro ghal din l-attivita'.

Il-laqgha ntemmet fid-9:30am.

***Anthony Formosa***

***Sindku***

***Lucienne Haber***

***Segretarju Ezekuttiv***